MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 162/2010

**A B**
**vs**
**C X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici tippremetti: li l-partijiet izzewwgu fis-7 ta’ Mejju 1995, u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f], u dak ta’ l-attrici, fit-termini tal-paragrafu [c] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; u li ghalhekk iz-zwieg huwa null; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara dan iz-zwieg null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-7 ta’ Mejju 1995 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijet jiddeponu, u taghtihom affidament.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-7 ta’ Mejju 1995, wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa tmien snin. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Wara konvivenza ta’ circa hdax-il sena l-partijiet isseparaw.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tispjega li l-problemi matrimonjali bejn il-partijiet bdew mill-bidunett taz-zwieg. Di fatti tghid li fil-gurnata tat-tieg il-konvenut ma kienx avvicinaha, u fil-honeymoon l-att taz-zwieg sar darba biss u fuq insistenza taghha.

Hija tispjega kif <u>xahar wara z-zwieg</u> kienet skopriet li zewgha kien qed jiffrekwenta mara ohra, u ghalhekk kienet telqet mid-dar konjugali u marret tghix ghand ommha ghal xi erba’ xhur. Matul dan il-perijodu hija kienet fethet kawza ta’ separazzjoni, u ta’ annullament fit-tribunali ekklesjastici li pero’ kienet gew irtirati, wara li l-attrici kienet haffritlu.

L-attrici tghid li l-konvenut narament kien iffittixha fiz-zwieg, u inoltre l-konvenut kien katergortiku fid-decizjoni tieghu li ma jkollux tfal. Di fatti l-att taz-zwieg <u>dejjem</u> sar bi prekawzzjoni minn naha tieghu, fis-sens li kien jirtira fil-mument opportun. Fi kliem l-attrici: “mill-bidu taz-zwieg

ma kienx tajjeb [iz-zwieg], wara l-ewwel xahar konna diga' hazin. C dejjem kien jghid li ma jridx tfal."[1]

L-attrici tghid li, ghalkemm il-konvenut qatt ma kien halliha nieqsa mill-flus, u kien jghixu komdi, il-problema principali kienet il-vizzju tal-konvenut li jiffrekwenta nisa ohra. Issemmi okkazzjoni, meta seba' snin fil-konvivenza, l-attrici, fuq informazzjoni moghtija minn ragel ta' mara separata, marret fil-post indikat lilha minn dan ir-ragel, u hemm rat lill-konvenut fis-sodda ma' mara, u li t-tnejn kienu gharwienin. Dak il-hin l-attrici sofriet xokk qawwi, u meta l-partijiet marru lura d-dar, il-konvenut qabad hwejjgu u telaq mid-dar; izda wara xi zmien hija hafritlu u l-konvenut rega' lura fid-dar konjugali. Eventwalment l-attrici regghet skopriet li l-konvenut kellu relazzjoni extra matrimonjali ohra, u f' dan l-istadju ddecidiet li tissepara defenittivament.

Hija tghid li kienet tahfirlu ghax kienet thobbu hafna, izda tispjega li tul il-konvivenza matrimonjali "kont dejjem imbezza… li kont dejjem ninkwieta, qatt ma rqadt b' rasi mistrieha fuq l-imhadda, qatt."[2]

*Verzjoni Konvenut*

Il-konvenut minn naha tieghu jikkonferma li l-problemi fiz-zwieg taghhom kienu gejjin mill-fatt li hu kien jiffrekwenta nisa ohra, anke fil-bidu taz-zwieg, tant li martu kienet talbet is-separazzjoni. Huwa jghid li martu kienet tahfirlu, izda l-problema kienet minn naha tieghu. Huwa kien jahdem hafna u jaqla' hafna flus u kienu jinfluwenzawh hafna shabu li kien johrog maghhom. Huwa jikkonferma li hu ma riedx tfal fiz-zwieg.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-atrikolu precitat, stante li bil-komportament tieghu mill-bidu taz-zwieg, huwa wera li kien inkapaci li jassumi obbligi necessarji ghal hajja mizzewwga, u senjatament l-obbligu

[1] Fol.31
[2] Fol.46

tal-fedelta'. Huwa wera li kien inkapaci li jidhol f' unjoni esklussiva ma' martu, u f' dan is-sens il-kunsens matrimonjali tieghu kien vizzjat.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-7 ta' Mejju 1995.

L-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------